Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14475/24
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0252(BUD)**

FIN 903
PE-L 27

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 14348/24 (COM(2024) 650 final) |
| Suġġett: | Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2024: Aġġustamenti fl-approprjazzjoni ta' pagament, aġġornament tad-dħul u aġġornamenti tekniċi oħra<br>– *Dikjarazzjoni mill-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja* |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-ANNESS id-dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja.

**ANNESS**

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja**

L-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja jinnotaw li n-nefqa amministrattiva jenħtieġ li tiġi ffinanzjata fin-nefqa regolari taħt l-intestatura 7 mingħajr ir-rikors għal strumenti speċjali. Aħna ninnotaw b'sodisfazzjon li disa' istituzzjonijiet kienu kapaċi jkopru l-ħtiġijiet addizzjonali għan-nefqa fuq is-salarji permezz ta' riallokazzjonijiet fl-ABE 5/2024. Fl-istess ħin, jiddispjaċina li l-Kumitat tar-Reġjuni, bħala l-unika istituzzjoni, ma pprovdiex finanzjament tal-ħtiġijiet addizzjonali permezz ta' riallokazzjonijiet.